31997D0296

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta'April 1997

li tfassal lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd hija awtorizzata għall-konsum tal-bniedem

(Test b'relevanza ŻEE)

(97/296/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/408/KE tat-22 ta' Ġunju 1995 dwar il-kondizzjonijiet biex jinħolqu, għal perjodu *interim*, listi provviżorji ta' stabbilimenti f'pajjiżi terzi li minnhom Stati Membri huma awtorizzati li jimportaw xi prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti tas-sajd jew molluski bivalvi ħajjin [1], kif emendata bid-Deċiżjoni 97/34/KE [2], u partikolarment l-Artikolu 2(2) tagħha,

Billi l-Kummissjoni iffissat il-kondizzjonijiet speċjali għall-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd li japplikaw għal pajjiżi terzi speċifiċi;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/328/KE [3] tistabbilixxi ċertifikat standardizzat tas-saħħa għall-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd minn pajjiżi terzi li għad mhumiex koperti minn dik it-tip ta' Deċiżjoni;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/20/KE [4] tfassal il-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-importazzjoni ta' molluski bivalvi, ekinodermi, *tunicates* u gastropodi tal-baħar f'kull forma maħsubin għall-konsum tal-bniedem hi awtorizzata;

Billi issa hu mehtieġ li titfassal lista ta' pajjiżi terzi li jissodifaw il-kondizzjonijiet ta' ekwivalenza msemmijin fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni 95/408/KE u li għalhekk jistgħu jiggarantixxu li prodotti tas-sajd esportati lejn il-Komunità jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar is-saħħa stabbiliti għall-protezzjoni tas-saħħa tal-konsumatur bid-Direttiva tal-Kunsill Nru. 91/493/KEE li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet dwar is-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti tas-sajd [5];

Billi dik il-lista trid tinkludi l-pajjiżi terzi diġà koperti b'Deċiżjoni speċifika u lill-pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 2(2) li għalihom tista' titfassal lista provviżorja ta' stabbilimenti awtorizzati skond il-proċedura preskritta fid-Deċiżjoni Nru. 95/408/KE;

Billi biex ikun evitat kull tfixkil fl-iżvolġiment tradizzjonali tal-kummerċ, l-Artikolu 11(7) tad-Direttiva 91/493/KEE jista' jibqa' jkun applikat għal perjodu limitat għal prodotti tas-sajd importati minn pajjiżi terzi li għadhom mhumiex inklużi f'dik il-lista;

Billi dik il-lista ta' pajjiżi terzi hi stabbilita bla ħsara għar-regoli tal-Komunità jew dawk nazzjonali dwar il-protezzjoni tas-saħħa ta' l-annimali jew ta' l-ambjent;

Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

---

[1] ĠU Nru L 243, tal-11.10.1995, p. 17.
[2] ĠU Nru L 13, tas-16.1.1997, p. 33.
[3] ĠU Nru L 191, tat-12.8.1995, p. 32.
[4] ĠU Nru L 6, ta' l-10.1.1997, p. 46.
[5] ĠU Nru L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-lista ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni Nru. 95/408/KE dwar il-kondizzjonijiet għat-tfassil, għal perjodu *interim*, ta' listi provviżorji ta' stabbilimenti f'pajjżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw xi prodotti ta' oriġini mill-annimali, prodotti tas-sajd jew molluski bivalvi ħajjin hi b'dan stabbilita fl-Anness ta' dan.

Artikolu 2

1. Bla ħsara għal disposizzjonijiet relatati mal-protezzjoni tas-saħħa ta' l-annimali jew ta' l-ambjent, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ebda prodotti tas-sajd f'kull forma maħsubin għall-konsum tal-bniedem, ma jkunu importati jekk mhux mill-pajjiżi terzi imniżżla fil-lista annessa.

2. Il-paragrafu 1 m'għandux japplika għal prodotti tas-sajd importati minn stabbiliment approvat skond il-proċedura preskritta fl-Artikolu 11(6) tad-Direttiva Nru. 91/493/KEE.

Artikolu 3

1. Minkejja l-Artikolu 2, l-Istati Membri jistgħu jibqgħu jimportaw sa' l-1 ta' Lulju 1998 prodotti tas-sajd li jiġu minn pajjiżi terzi li mhumiex inklużi fil-lista annessa ma' din id-Deċiżjoni skond l-Artikolu 11(7) tad-Direttiva Nru. 91/493/KEE.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li prodotti tas-sajd importati skond il-kondizzjonijiet preskritti fil-paragrafu 1 jitqiegħdu biss fis-suq domestiku ta' l-Istat Membru jew Stati Membri importaturi li jaghtu l-istess deroga u li l-pajjiż ta' l-oriġini jkun jidher ċar fuq it-tikkettjar.

Artikolu 4

Din id-deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 1997.

Artikolu 5

Din id-deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' April 1997.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS

Lista ta' pajjiæi terzi li minnhom l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd f'kull forma u maħsuba għall-konsum tal-bniedem hi awtorizzata

I. *Pajjiæi terzi koperti b'Deċiæjoni speċifika fuq il-baæi tad-Direttiva tal-Kunsill Nru. 91/493/KEE*

Albanija	Gambja	Russja
Arġentina	Indoneæja	Senegal
Braæil	Ġappun	Singapor
Kanada	Malasja	Afrika ta' Isfel
Ċili	Mawritanja	Korea ta' Isfel
Kolombja	Marokk	Tajwan
Kosta ta' l-Avorju	New Zealand	Tajlandja
Ekwador	Peru'	Turkija
Il-Gæejjer Faroe	Filippini	Urugwaj

II. *Pajjiæi terzi li jissodisfaw ir-rekwiæiti ta' l-Artikolu 2(2) tad-Deċiæjoni tal-Kunsill Nru. 95/408/KE*

Awstralja	Gwatemala	Seychelles
Bangladesh	Ħonduras	Slovenja
Belize	Indja	Svizzera
Ċina	Madagaskar	Togo
Kosta Rika	Maldivi	Tuniæija
Kroazja	Messiku	Stati Uniti ta' l-Amerika
Kuba	Namibja	Venezwela
Gæejjer Falkland	Panama	Vjetnam
Greenland	Polonja	